MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 257/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Stella Attard)**
**Vs**
**Philip Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identitia` numru 491065 (M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Diċembru 2010 għall-ħabta ta' 7.30 p.m. fi Triq is-Salib, Marsa
1. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura numru AAD-858 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

2. talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru AAD-858 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkolhol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt;

3. inġurja u/jew hedded bil-kliem lil PC 1030 C. Theuma u lil PS 1011 H. Mula persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Mejju, 2012, li biha wara li rat l-artikolu 15A, 15B tal-Kap. 65 u l-artikolu 95(1) tal-Kap. 9 sabet lill-appellant ħati u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) pagabbli fuq medda ta' sena u sospenzjoni tal-licenzja ghal żmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Mejju 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tillibera lill-esponenti minn kull akkuza.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-kaz meta ma tatx kaz il-provi kif imressqa mid-difiza u meta l-provi tal-prosekuzzjoni kienu nieqsa minn konvinċiment morali u ma laħqux il-livell ta' prova rikjesta mil-ligi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-Qorti wkoll injorat il-fatt li l-appellant huwa vittma ta' uzura tant li qed jiehu kura l-Caritas u li huwa biex jiggieled din il-problema qed jahdem bhala xufier mal-Gvern mad-dipartiment tax-Xogholijiet u ghalhekk ghandu bzonn licenzja tas-sewqan ghall-ghixien tieghu b'hekk l-Ewwel

Onorabbli Qorti kienet harxa ferm fil-piena minnha moghtija;

3. Salv aggravji ohra.

Ikkonsidrat

Id-difiża qed tissottometti li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni dwar il-provi li tkun waslet għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din tkun waslet għat-tali deċiżjoni raġjonevolment u legalment.

Jirriżulta mill-affidavits tal-Pulizija dan li ġej:

Skont PC1030 C Theuma huwa kien għaddej flimkien ma' PC 451 fl-inħawi ta' Triq is-Salib il-Marsa meta nnota vettura bin-numru AAD 858. Il-mod kif bdiet tinstaq kien jidher ċar li x-xufier ma kienx f'qagħda lijsuq. Meta waqqfuh, ix-xufier kellu riħa qawwija ta' alkoħol. Il-karozza tal-appellant kienet ipprakjata mix-xhud. L-appellant ingħata twissija, ta kampjun tan-nifs u dan isntab li kien 78mg ta' alkoħol għal kull 100ml ta' nifs. Il-limitu preskritt bil-liġi huwa ta' 35 mg ta' akolħol għal kull 100 ml ta' nifs. L-appellant iffirma r-riċevutai u ngħata kopja tal-oriġinal.

Lill-Pulizija beda jgħidlhom li aħjar imorru jaqbdu lil dawk li jagħmlu l-hold-ups. Bed sjemmi nies fil-politika u fil-gradi għolja tal-Pulizija u jiftaħar li kien jaf lil dawn in-nies u li jmisshom imorru jarrestaw nies oħrajn.

Skont affidavit ieħor ta' PS 1011 Herman Mula, fid-19 ta' Diċembru 2010 għall-ħabta tat-7.50pm kien mgħarraf li kienet twaqqfet persuna fi Triq is-Salib tal-Marsa liema persuna kienet taħt l-influwenza tal-alkoħol. Minn ħalq l-appellant kienet ħierġa riħa ta' alkoħol. Ix-xhud ikkonferma l-grad ta' alkoħol imsemmi minn PC 1030 kif ukoll il-kliem li qal lill-Pulizija.

Mal-affidavit hemm mehmuża l-irċevuta tar-riżultat oriġinali.

Fil-proċess hemm ukoll l-affidavti ta’ PC 451 A.Bugeja li kien flimkien ma’ PC 1030 meta raw Opel Corsa bin-numru tar-reġistrazzjoni AAD858 tinstaq b’mod traskurat u min kien qed isuqha kien qiegħed iserrep. Ikkonferma wkoll li l-appelalnt kellu riħa ta’ xorb kbira fuqu. Huwa qalilhom li kien għadu ġej minn party. Ikkonferma wkoll li l-grad ta’ alkoħol kien ta’ 78 mg per 100ml ta’ nifs.

L-appelalnt xehed quddiem din il-Qorti u qal li meta waqqfuh il-mobile unit huwa kien ipparkjat. Il-Pulizija qalulu biex jipparkja mal-ħajt iżda huwa talab lill-Pulizija jipprakjaw huma għax hu kellu drink. Meta mar id-depot huwa beda jparla fil-vojt. Ix-xhud qal li lilu sabuh rieqed ġol-karozza u sabu l-karozza mal-ħajt. Il-Pulizija kienu marru jħabbutulu u l-karozza pparkjawha huma mal-ħajt. Dwar id-diskors li qal lill-Pulizija, l-appellant xehed li lanqas biss jaf x’kien qed jgħid. Illum il-ġurnata għandu problema tal-użura.

Fil-kontro-eżami l-appellant qal li kien ipparkjat naqra ‘l barra u l-pulizija saquha mal-ħajt. L-appellant innega li kien qed isuq iżda qalli kien ipparkjat f’nofs it-triq. Imbagħad ikkoreġa din il-verżjoni u qal ‘Naqra ‘l barra mill-bankina.’

L-appellant kellu żewġ imputazzjonijiet li għandhom x’jaqsmu mal-artikoli 15A u 15B tal-Kap 65.

**15A.** (1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta’ vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f’post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f’kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.
(2) Għall-finijiet ta’ dan l-artikolu, persuna titqies li m’hijiex f’kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.
Sewqan, eċċ., ta’
vettura bil-mutur

b'konċentrazzjoni
ta' alkohol fin-nifs,
eċċ., ogħla minn
dik preskritta.
*Miżjud:*
**15B.** (1) Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f 'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon
tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.

**15H.** (1) Kull persuna li tikser xi disposizzjonijiet tal-artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel -
(*a*) fil-każ tal-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqas minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;
(*b*) fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena:

Iżda fil-każ ta' kundanna minħabba li persuna ma kinetx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew għal reat taħt l-artikolu 15B, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom jgħoddu
biss fejn il-proporzjon ta' alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun jaqbeż il-limitu preskritt bi tmien mikrogramma jew iżjed finnifs jew b'għoxrin milligramma jew iżjed fid-demm jew bi tlieta u għoxrin milligramma jew iżjed fl-urina.'

Apprezzament tal-Provi

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-affidavits tal-Pulizija u ssibhom li kollha jaqblu dwar l-elementi ewlenin ta' x'seħħ fid-19 ta' Diċembru 2010. Kellha wkoll tara kif xehed l-appellant li deher li lanqas biss kien ċert fejn sabuh eżatt il-pulizija jekk hux f'nofs it-triq jew mal-bankina.

Il-Pulzija rawh isuq b'mod mhux normali, xammew ir-riaħa tal-alkoħol, u għamlu l-eżami tal-alkoħol. Il-Qorti hija moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel żewġ imputazzjonijiet kontra l-appellant. Mhix taċċetta s-sottomissjoni magħmula mid-difiża li għax il-Prosekuzzjoni ma tatx l-imputazzjoni ta' sewqan bi traskuraġni, allura l-appellant ma kienx qed isuq. Li wieħed jsita' jikkonkludi minn dan huwa biss li l-Prosekuzzjoni ħassitha soddisfatta b'dawn iż-żewġ imputazzjonijiet biss sa fejn jidħol is-sewqan.

Dwar it-tielet imputazzjoni, il-provi jindikaw ħtija fil-livell ta' kontravenzjoni biss.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju.

Dwar it-tieni aggravju ftit hemm xi tgħid. Li wieħed ikollu problema tal-użura ma jfissirx li Qorti għandha tagħti piena inqas minn dik indikata fil-Liġi. Il-Qorti imponiet piena ta' €1200 bħala multa kif ukoll sospensjoni milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal sitt xhur. Il-multa hija l-minimu u s-sitt xhur sospensjoni trid tingħata bilfors u mhix fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Konklużjoni**

Il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fil-15 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha b'mod li s-sospensjoni tibda għaddejja min-nofs il-lejl u minuta ta' llum waqt li s-sena biex titħallas il-multa tibda għaddejja mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------